IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.12.2022
COM(2022) 724 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-effettività tal-implimentazzjoni tan-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112"

1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jirrieżamina l-effettività tal-implimentazzjoni tan-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112" f'konformità mal-Artikolu 109(4) tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi[1] (KEKE). Ir-rapport huwa bbażat fuq it-tweġibiet tal-Istati Membri u tan-Norveġja, għall-kwestjonarju[2] ppreżentat lill-Kumitat tal-Komunikazzjoni (COCOM)[3] dwar l-implimentazzjoni tal-komunikazzjonijiet ta' emerġenza u tan-numru Ewropew ta' emerġenza "112". Dan il-ġbir ta' *data* kien il-15-il eżerċizzju ta' dan it-tip li sar mis-servizzi tal-Kummissjoni mill-2007.

Skont l-Artikolu 109(4) tal-KEKE, sal-21 ta' Diċembru 2020, u kull sentejn wara din id-data, il-Kummissjoni hija meħtieġa tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-effettività tal-implimentazzjoni tan-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112". L-ewwel rapport bħal dan ġie ppubblikat fil-21 ta' Diċembru 2020[4].


Il-ġbir tad-*data* kien jibbaża fuq mistoqsijiet speċifiċi li jservu biex jiġi vvalutat il-livell ta' implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-liġi tal-UE u t-titjib tas-sistemi nazzjonali taċ-Ċentru li Jirċievi t-Telefonati ta' Emerġenza (PSAP). Il-perjodu ta' rapportar għad-*data* kwantitattiva[5] (eż. l-għadd ta' telefonati ta' emerġenza lil "112") huwa mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021. Meta tiġi vvalutata d-disponibbiltà ta' sistema (eż. l-implimentazzjoni ta' soluzzjoni ta' informazzjoni dwar il-post minn fejn toriġina t-telefonata, applikazzjoni, eċċ.) l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli hija riflessa f'dan ir-rapport. Fl-4 ta' April, l-osservaturi tal-Istati Membri u tal-COCOM mill-Pajjiżi Kandidati u taż-ŻEE ġew mistiedna jissottomettu t-tweġibiet tagħhom sal-31 ta' Mejju 2022.

L-Istati Membri ġew mistiedna jiżviluppaw l-għodod ta' kejl tagħhom għall-monitoraġġ ta' għadd ta' indikaturi sabiex jipprovdu *data* preċiża dwar il-funzjonament tas-sistemi ta' komunikazzjoni ta' emerġenza tagħhom. Matul ir-rapport kollu, fejn l-Istati Membri ma jissemmewx fir-rigward ta' valutazzjoni kwalitattiva jew kwantitattiva, dan ifisser li d-*data* rilevanti ma ġietx ipprovduta lis-servizzi tal-Kummissjoni.

2. TELEFONATI LIL "112"


Fl-2021, it-telefonati għan-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112" żdiedu bi 3 % għal 153 miljun meta mqabblin mal-2019. Sadanittant, l-għadd totali ta' telefonati ta' emerġenza, inkluż għan-numri ta' emerġenza nazzjonali, fejn dawn għadhom qed jintużaw, baqa' stabbli f'270 miljun. It-telefonati lil "112" kienu jirrappreżentaw 56 % tat-telefonati ta' emerġenza kollha fl-2021.

[1]Id-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU L 321, 17.12.2018, p. 36).
[2]COCOM22-01
[3]Il-Kumitat tal-Komunikazzjoni stabbilit abbażi tal-Artikolu 118 tal-KEKE.
[4]https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/library/2020-report-effectiveness-implementation-european-emergency-number-112
[5]Id-*data* kwantitattiva tingħabar kull sentejn, u tikkonċerna biss is-sena immedjatament qabel ir-rapport, sabiex jiġi ffaċilitat il-piż amministrattiv fuq l-awtoritajiet ta' rapportar.



Illustrazzjoni 1. Għadd ta' telefonati lil "112"

"112" huwa n-numru uniku ta' emerġenza fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Finlandja, f'Malta, fin-Netherlands, fil-Portugall, fir-Rumanija u fl-Iżvezja. Madankollu, 23 % biss tat-telefonati lil "112" fl-UE jsiru minn dawn il-pajjiżi. Il-maġġoranza l-kbira tat-telefonati lil "112" ġejjin minn Stati Membri fejn għadhom jintużaw in-numri nazzjonali. F'dawn l-Istati Membri, l-użu tan-numru uniku Ewropew ta' emerġenza jvarja ħafna, minn 5 % fl-Irlanda għal 97 % fil-Bulgarija.



Illustrazzjoni 2. Perċentwal ta' telefonati lil "112"

L-għadd ta' telefonati lil "112" jiddependi fuq il-livell ta' għarfien tal-utenti finali dwar id-disponibbiltà tan-numru "112" iżda anke fuq il-koeżistenza tan-numri "antiki" nazzjonali.


F'pajjiżi fejn kull servizz ta' emerġenza għandu l-PSAP tiegħu stess, għandu jiġi żgurat li t-telefonati lil "112" jiġu ttrasferiti u ttrattati b'mod effettiv mill-aktar servizz ta' emerġenza xieraq f'konformità mal-Artikolu 109(3) u qabel mal-Artikolu 26 tad-Direttiva dwar is-Servizz Universali[6]. L-implimentazzjoni tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku tas-sistemi nazzjonali tal-PSAP tiżgura ġestjoni interkonnessa u li tista' tlaħħaq sewwa kemm għat-telefonati lil "112" kif ukoll għat-telefonati lin-numri nazzjonali filwaqt li tipprovdi aċċess għas-servizzi ta' emerġenza kollha kkonċernati. Sistemi bħal dawn għandhom jimplimentaw funzjoni ta' rotot adatta għall-migrazzjoni għal komunikazzjonijiet packet-switched li tiżgura li l-komunikazzjonijiet kollha ta' emerġenza — telefonati, komunikazzjonijiet ibbażati fuq it-test, vidjo, inklużi dawk li joriġinaw minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika indipendenti min-network — jiġu ttrattati mill-PSAP l-aktar xieraq.

[6]Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali), ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51-77.

Telefonati minn mobiles fil-biċċa l-kbira qabżu l-għadd ta' telefonati minn telefowns fissi. Bħala medja, 78 % tat-telefonati fl-2021 saru minn mobiles. Madankollu, l-użu tal-mobiles għal finijiet ta' komunikazzjoni ta' emerġenza jvarja b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri, minn 42 % fil-Lussemburgu għal 63 % fil-Ġermanja għal 96 % f'Ċipru u 99 % fiċ-Ċekja.

Il-penetrazzjoni dejjem tikber tal-mobiles, b'mod partikolari l-ismartphones, turi l-importanza li jiġi żgurat l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza waqt li persuna tkun barra, b'mod partikolari fil-kuntest tal-migrazzjoni għall-Vuċi fuq Evoluzzjoni fit-Tul (VoLTE) u Vuċi fuq il-WiFi (VoWiFi). Din tindika wkoll li l-ammont dejjem jikber ta' *data* u karatteristiċi derivati kemm min-network kif ukoll mill-handset tal-utent finali jista' jagħmel il-komunikazzjonijiet ta' emerġenza aktar effettivi (eż. informazzjoni dwar il-post minn fejn toriġina t-telefonata, test u vidjo għall-utenti finali b'diżabbiltà, il-lokalizzazzjoni vertikali (assi-z) u *data* kuntestwali oħra).

Il-proporzjon ta' telefonati foloz[7] għall-għadd totali ta' telefonati ta' emerġenza għadu jvarja b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri[8], u jilħaq 76 % f'Malta. Xi Stati Membri ma jippermettux telefonati minn telefowns mingħajr SIMs sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' telefonati foloz li potenzjalment jistgħu jkunu ta' piż għas-sistema tal-PSAP. Madankollu, l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza mit-telefowns mingħajr SIMs huwa obbligatorju fil-maġġoranza tal-Istati Membri (20)[9].



Illustrazzjoni 3. Telefonati foloz lin-numri ta' emerġenza (%)

Skont l-Artikolu 109 tal-KEKE, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw mezzi oħrajn ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza għajr telefonati lil "112". Bħalissa, l-Istati Membri qed jimplimentaw komunikazzjonijiet ibbażati fuq l-SMS u fuq l-apps bħala mezz alternattiv ta' aċċess disponibbli għall-utenti finali kollha.

Ġew awtorizzati komunikazzjonijiet ta' emerġenza bbażati fuq l-SMS għall-utenti finali kollha minn 16-il Stat Membru[10]. Fi 11-il Stat Membru[11] l-SMS ta' emerġenza jintbagħat lil

[7]Telefonati foloz huma telefonati li ma jiġux segwiti b'intervent jew b'assistenza mill-PSAP jew mis-servizzi ta' emerġenza. Telefonati li jirrapportaw avveniment ta' emerġenza li jkun diġà skatta intervent jew assistenza min-naħa tal-PSAP, u għalhekk ma jiskattax intervent separat jew assistenza separata, ma jitqisux bħala telefonati foloz.

[8]Ġiet ipprovduta informazzjoni dwar telefonati foloz minn 19-il Stat Membru.

[9]AT, CY, CZ, DK, EE, EL, ES, FI, HU, IE, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, SE, SK.


[10]Il-komunikazzjoni bl-SMS tintuża f'xi Stati Membri esklussivament għall-utenti finali b'diżabbiltà, kif indikat fit-taqsima 8.

[11]EE, EL, FI, HR, IE, IS, LT, LU, LV, SI, SK.

"112". L-għadd ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza permezz ta' SMS ivarja b'mod sinifikanti skont il-livell ta' promozzjoni ta' dan it-tip ta' komunikazzjoni ta' emerġenza, minn ftit sa għexieren ta' eluf. Il-forniment ta' SMS ta' emerġenza huwa kkonfermat li huwa żgurat mingħajr ħlas minn 13-il Stat Membru[12].

Minbarra l-possibbiltà ta' aċċess għas-servizzi ta' emerġenza billi jsiru telefonati lil "112", 18-il Stat Membru[13] implimentaw applikazzjonijiet nazzjonali jew reġjonali disponibbli għall-utenti finali kollha[14], li jippermettu komunikazzjonijiet ta' emerġenza. Dawn il-mezzi ta' aċċess, skont id-disinn tagħhom, jippermettu lill-utenti finali jikkondividu informazzjoni addizzjonali mal-PSAP, jipprovdu informazzjoni ta' lokalizzazzjoni derivata mill-handset jew jiżguraw komunikazzjoni bbażata fuq it-test mal-PSAP. Il-Belġju, Ċipru, il-Ġermanja u l-Polonja kkonfermaw li t-traffiku tad-*data* ġġenerat mill-applikazzjoni ta' emerġenza għandu rata ta' żero.

L-eCalls li joriġinaw minn karozzi li kapaċi jagħmlu telefonati ta' emerġenza lil "112" għandhom jiġu trażmessi b'mod adegwat lejn l-aktar PSAP xieraq f'każ ta' aċċident. Total ta' 421 000 eCall ġew irrapportati minn 27 Stat Membru u min-Norveġja.




Illustrazzjoni 3. Għadd ta' eCalls magħmulin fl-UE

3. ĦIN TA' RISPONS[15]

Total ta' 25 Stat Membru rrapportaw 10 sekondi jew anqas għall-ħin medju ta' rispons meħtieġ biex wieħed jikkuntattja s-servizzi ta' emerġenza.


[12]AT, BE, CY, EE, EL, HR, HU, IE, LT, LU, LV, SI, SK.
[13]AT (reġjonali), BE, CY, CZ, DK, FI, IT, LU, LV, MT, PL, RO, SE, SK.
[14]Il-Komunikazzjoni bbażata fuq l-applikazzjoni hija implimentata f'xi Stati Membri esklussivament għall-utenti finali b'diżabbiltà, kif huwa indikat fit-taqsima 8.
[15]Il-ħin bejn il-mument meta t-telefonata ta' emerġenza tiġi ppreżentata fl-iswiċċ tal-PSAP tal-ewwel stadju u l-mument li fih it-telefonata tkun qed titwieġeb minn operatur uman tal-PSAP.



Illustrazzjoni 4. Ħinijiet medji biex jitwieġbu telefonati ta' emerġenza (f'sekondi)

4. RATA TAL-ABBANDUN TAT-TELEFONATI

Total ta' 27 rispondent irrapportaw[16] dwar it-telefonati li jaslu fl-iswiċċijiet tal-PSAP iżda jaqtgħu qabel jitwieġbu minn operatur uman. L-abbandun tat-telefonati jista' jiġi kkawżat minn problemi fin-network, konġestjoni tat-telefonati, ħsarat tekniċi, problemi biex is-sistema tlaħħaq mad-domanda, skonnessjoni ta' min iċempel (possibbilment telefonati bi żball), eċċ. Għalkemm it-telefonati involontarji u l-iskonnettjar minn min iċempel ma humiex fil-kontroll tal-operaturi tas-sistema tal-PSAP, in-nuqqas mis-sistema biex tlaħħaq mad-domanda juri n-nuqqas li t-telefonati li jsiru lil "112" fis-sistema nazzjonali tal-PSAP jitwieġbu u jiġu trattati b'mod adegwat.



Illustrazzjoni 5. Perċentwal ta' telefonati abbandunati lin-numri ta' emerġenza

Filwaqt li l-imġiba tal-utenti finali u l-kwistjonijiet tan-network jinfluwenzaw kemm il-ħinijiet tat-tweġibiet kif ukoll ir-rati tal-abbandun tat-telefonati, l-organizzazzjoni u l-kapaċitajiet tas-sistema nazzjonali tal-PSAP huma deċiżivi fl-effettività tat-trattament tat-telefonati ta' emerġenza u tal-komunikazzjonijiet ta' emerġenza permezz ta' mezzi alternattivi ta' aċċess. Sabiex jiġu sfruttati l-iżviluppi teknoloġiċi, qed jiġu implimentati networks għalkollox bl-IP ta' PSAPs interkonnessi f'bosta Stati Membri tal-UE biex tiġi żgurata l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u, l-aktar importanti, li t-telefonati ta' emerġenza kollha jiġu ttrattati b'mod effettiv.

[16]L-Awstrija ma rrapportatx din id-*data*

5. ID-DISPONIBBILTÀ TAL-POST MINN FEJN TORIĠINA T-TELEFONATA

L-Artikolu 109 tal-KEKE jagħmel obbligatorja d-disponibbiltà kemm ta' informazzjoni bbażata fuq in-network kif ukoll ta' informazzjoni aktar akkurata dwar il-lokalizzazzjoni derivata mill-handset[17], lill-aktar PSAP xieraq.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li qed jirrapportaw[18], in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-post minn fejn toriġina t-telefonata bbażata fuq in-network iseħħ f'anqas minn 3 % tat-telefonati. Ġew irrapportati rati ogħla ta' nuqqas ta' forniment tal-post minn fejn toriġina t-telefonata għan-Netherlands (3 %), għall-Estonja (4 %), għall-Portugall (5 %), għall-Irlanda (5,5 %), għall-Italja (9,4 %), għal Spanja (12,3 %), għall-Kroazja (13,8 %) u għal-Latvja (21 %).

In-Norveġja u 14-il Stat Membru[19], b'mod partikolari fejn tintuża s-soluzzjoni tal-Lokalizzazzjoni Avvanzata ta' Emerġenza (AML)[20], irrapportaw dwar id-disponibbiltà tal-post minn fejn toriġina t-telefonata derivat mill-handset. Anke fejn is-sistema tal-PSAP nazzjonali tiġi aġġornata biex tirċievi l-AML, xorta waħda għadd sinifikanti ta' telefonati ma jibbenefikawx mill-informazzjoni tal-post preċiża ħafna. Minbarra li jillokalizzaw l-utent finali li jagħmel telefonata lil "112", l-Istati Membri jistgħu jippermettu wkoll l-AML għat-tip ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza b'SMS.

L-utenti finali li jkunu roaming, li jżuru Stati Membri oħrajn, jistgħu potenzjalment ikunu f'sitwazzjoni aktar vulnerabbli f'każ ta' emerġenza peress li jista' jkun li ma jkunux jistgħu jiddeskrivu l-post tagħhom b'mod preċiż. Filwaqt li l-AML hija implimentata fi 22 Stat Membru, fl-Iżlanda u fin-Norveġja, 6 Stati Membri biss ikkonfermaw li l-lokalizzazzjoni derivata mill-handset hija disponibbli għall-utenti finali li jkunu roaming[21].

Il-penetrazzjoni għolja tal-ismartphones iġġib magħha l-benefiċċju li l-komunikazzjonijiet ta' emerġenza jsiru aktar effettivi permezz tad-disponibbiltà ta' informazzjoni preċiża dwar il-post minn fejn toriġina t-telefonata. Ir-Regolament dwar ir-Roaming[22] jirrikjedi li l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza jkun permess minn trasparenza fil-livell tal-operaturi bejn is-sħab tar-roaming, billi tiġi skambjata informazzjoni teknika u regolatorja biex jiġi żgurat il-forniment ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza u l-post minn fejn toriġina t-telefonata lill-klijenti li jkunu qegħdin jagħmlu roaming.

6. PREĊIŻJONI U AFFIDABBILTÀ TAL-POST MINN FEJN TORIĠINA T-TELEFONATA

L-Artikolu 109(6) tal-KEKE jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu kriterji ta' preċiżjoni u affidabbiltà għall-informazzjoni dwar il-post minn fejn toriġina t-telefonata. In-Norveġja u

[17]Filwaqt li l-akkuratezza tal-lokalizzazzjoni bbażata fuq in-network tista' tvarja minn 50 m sa 40 000 m, il-lokalizzazzjoni derivata mill-handset tipprovdi lokalizzazzjoni ħafna aktar akkurata sa 5 m.

[18]Ġiet ipprovduta *data* rilevanti minn 18-il Stat Membru: CZ, BG, DK, EE, ES, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LV, MT, NL, PT, RO, SE u SI.

[19]Il-post minn fejn toriġina t-telefonata derivat mill-handset ma huwiex disponibbli fil-proporzjonijiet li ġejjin: PT (1 %), HR (2 %), HU (2,9 %), SI (5 %), SE (20 %), DK (23,7 %), NO (30 %), RO (33,9 %), LT (38 %), MT (40,4 %), EE (46 %), IE (48 %), CZ (50 %), BG (68,2 %), IT (94,2 %)

[20]https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/112-112-day-locating-emergency-calls-aml-technology-rise

[21]F'EL, FI, LU, RO u parzjalment f'BE u SE

[22]L-Artikolu 3(6) tar-Regolament (UE) Nru 2022/612 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni

18-il Stat Membru[23] rrapportaw il-kriterji dwar il-post minn fejn toriġina t-telefonata stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat 2019/320[24] għandu l-għan li jappoġġa l-objettivi ta' politika stabbiliti fil-KEKE billi jagħti mandat lill-manifatturi tal-ismartphones biex jiżguraw, mis-17 ta' Marzu 2022, li d-*data* mis-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS), mill-anqas mill-Galileo tal-UE, u d-*data* mill-Wi-Fi, isiru disponibbli f'komunikazzjonijiet ta' emerġenza. Dan jippermetti li l-ismartphone jiġi lokalizzat, u għaldaqstant il-persuna li tkun qed iġġorru, bi preċiżjoni adegwata u effettiva.

Lokalizzazzjoni bbażata fuq network

Fl-Istati Membri kollha, kif ukoll fin-Norveġja, il-lokalizzazzjoni ta' min ikun qed jagħmel it-telefonata minn *networks fissi* tingħata permezz tal-indirizz tal-installazzjoni jew tal-indirizz tat-triq/tal-posta/tal-fattura tal-parti li tkun qed tagħmel it-telefonata.

L-Istati Membri kollha rrapportaw li għal telefonati minn *networks mobbli*, il-lokalizzazzjoni tingħata mill-ID tas-Cell/ID tas-settur li tipprovdi affidabbiltà għolja tad-*data* trażmessa lill-operatur tal-PSAP. L-akkuratezza rrapportata tvarja minn 500 m sa 40 km, skont id-densità tan-network, jiġifieri żona urbana jew rurali. Is-soluzzjonijiet tal-lokalizzazzjoni aktar akkurati bbażati fuq in-network mobbli li jintużaw huma Timing advance, Round trip time jew Sector ID. Dawn il-metodi ta' pożizzjonar itejbu sostanzjalment l-akkuratezza tal-lokalizzazzjoni bbażata fuq in-network sa 50 m f'xi każijiet.

Soluzzjonijiet ta' lokalizzazzjoni derivati mill-handset

F'termini ta' soluzzjonijiet ta' lokalizzazzjoni derivati mill-handset, l-Istati Membri rrapportaw żewġ tipi ta' implimentazzjonijiet deskritti hawn taħt.

a) Soluzzjoni ta' Lokalizzazzjoni Avvanzata ta' Emerġenza (AML)

L-AML tista' ttejjeb il-livelli ta' akkuratezza sa 4 000 darba, filwaqt li tipprovdi akkuratezza sa anqas minn 100 m[25]. Is-soluzzjoni ma tinjorax l-informazzjoni dwar il-post tas-Cell-ID ipprovduta min-network, iżda pjuttost tissupplimentaha b'informazzjoni dwar il-post tal-GNSS jew tal-Wi-Fi derivata mill-handset. L-implimentazzjoni tal-AML fit-territorju proprju ġiet irrapportata minn 22 Stat Membru[26], l-Iżlanda u n-Norveġja.

b) Informazzjoni dwar il-post derivata mill-handset permezz ta' applikazzjoni ta' emerġenza

L-applikazzjonijiet ta' emerġenza implimentati fil-livell nazzjonali jew reġjonali jippermettu forniment ta' informazzjoni aktar preċiża dwar il-post minn fejn toriġina t-telefonata, abbażi tal-funzjoni tal-GNSS jew tal-kapaċità tal-Wi-Fi tal-ismartphone, minn dik ipprovduta permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-network.

[23]BE, BG, CY, CZ, DE, ES, HU, IT, LT, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SE, SI, SK

[24]Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/320 tat-12 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti essenzjali msemmija fl-Artikolu 3(3)(g) ta' dik id-Direttiva sabiex ikun żgurat il-post minn fejn toriġina t-telefonata f'komunikazzjonijiet ta' emerġenza minn apparat mobbli, ĠU L 55, 25.2.2019, p. 1–3.

[25]https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/112-112-day-locating-emergency-calls-aml-technology-rise

[26]BE, BG, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, LT, LV, MT, NL, PT, RO, SE, SI

Madankollu, dawn l-applikazzjonijiet jirrikjedu azzjoni minn qabel miċ-ċittadin – għall-kuntrarju tal-AML – peress li jeħtieġ li jitniżżlu. It-trażmissjoni tad-*data* dwar il-post hija possibbli biss meta l-konnessjoni tad-*data* tkun attiva.

Skont ir-Regolament Delegat adottat sal-21 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni tipproponi miżuri li jistabbilixxu parametri li jeħtieġ li jitqiesu mill-awtoritajiet regolatorji kompetenti meta jistabbilixxu l-kriterji għall-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-post minn fejn toriġina t-telefonata.

7. ĦIN MEDJU MEĦTIEĠ BIEX L-OPERATUR TAL-112 JIRĊIEVI L-POST MINN FEJN TORIĠINA T-TELEFONATA

Minħabba l-implimentazzjoni tas-sistema "push" jew tas-sistema awtomatika "pull", l-Istati Membri kollha rrapportaw kważi ħinijiet istantanji (sa 10 sekondi) għall-forniment tal-*post minn fejn toriġina t-telefonata bbażata fuq in-network.*

Minħabba l-arkitettura inerenti tagħhom, it-teknoloġiji tal-*lokalizzazzjoni derivata mill-handset* jibbażaw fuq il-veloċità tal-handsets biex jidderivaw il-parametri rilevanti tal-lokalizzazzjoni mis-sinjali tal-GNSS jew tal-Wi-Fi. Abbażi tar-rapporti minn 15-il Stat Membru, ġie kkonfermat li l-provvista ta' lokalizzazzjoni derivata mill-handset tista' tvarja minn kważi mal-ewwel sa 26 sekonda.

Skont l-Artikolu 109(6) tal-KEKE, l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-post minn fejn toriġina t-telefonata, kemm dik ibbażata fuq in-network kif ukoll dik derivata mill-handset, tkun disponibbli għall-aktar PSAP xieraq mingħajr dewmien. Skont ir-Regolament Delegat adottat sal-21 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni tipproponi miżuri li jiżguraw rotot effettivi ta' *data* kuntestwali, inkluża informazzjoni dwar il-post minn fejn toriġina t-telefonata.

8. AĊĊESS GĦAL SERVIZZI TA' EMERĠENZA WAQT IR-ROAMING FL-UE

L-Istati Membri kollha rrapportaw id-disponibbiltà tal-aċċess għall-"112" u għall-informazzjoni dwar il-post minn fejn toriġina t-telefonata bbażata fuq in-network f'każ ta' telefonati bir-roaming.

Ingħatat informazzjoni dwar l-għadd ta' telefonati li jsiru minn utenti finali waqt ir-roaming lil "112" minn 11-il Stat Membru[27]. Dawn l-Istati Membri jirrappreżentaw terz tat-telefonati ta' emerġenza lil "112". Abbażi ta' din id-*data*, jista' jiġi estrapolat li 1,06 % tat-telefonati kollha lil "112" isiru mill-utenti finali waqt ir-roaming, madwar 1,5 miljun telefonata lil "112" fl-UE. Huwa stmat li 800 000 telefonata saru mill-utenti finali waqt ir-roaming lil numri ta' emerġenza nazzjonali, fejn dawn jintużaw. Għalhekk, stima konsolidata tindika total ta' 2,3 miljun telefonata ta' emerġenza magħmula mill-utenti finali waqt ir-roaming fil-perjodu ta' rapportar.

Id-*data* disponibbli tikkonferma li l-utenti finali waqt ir-roaming ma jibbenefikawx minn lokalizzazzjoni derivata mill-handset mingħajr ħlas, kif spjegat fit-taqsima 4. Sitt Stati

[27]LU, HR, MT, SI, SE, CY, EE, CZ, RO, IT, BG.

Membri biss ikkonfermaw li l-lokalizzazzjoni derivata mill-handset hija disponibbli għall-utenti finali waqt ir-roaming. Ir-Regolament dwar ir-Roaming[28] se jiżgura li bażi tad-*data* tal-BEREC dwar il-mezzi ta' aċċess għas-servizzi ta' emerġenza tinforma lill-operaturi u lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u, fejn applikabbli, lil awtoritajiet kompetenti oħrajn, dwar il-mezzi ta' aċċess għas-servizzi ta' emerġenza li huma obbligatorji f'kull Stat Membru u li huma teknikament fattibbli biex jintużaw mill-klijenti tar-roaming.

9. AĊĊESS GĦAL SERVIZZI TA' EMERĠENZA GĦALL-UTENTI FINALI B'DIŻABBILTÀ

F'konformità mal-Artikolu 109(5) tal-KEKE, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jiżguraw li l-utenti finali b'diżabbiltà jibbenefikaw minn aċċess ekwivalenti għas-servizzi ta' emerġenza għal dak li jgawdu utenti finali oħrajn. Is-soluzzjonijiet ta' aċċessibbiltà implimentati għandhom jirreplikaw (ikunu ekwivalenti għal) komunikazzjoni bil-vuċi f'żewġ direzzjonijiet żgurata fil-każ ta' telefonata għal "112", inkluż fir-roaming. Permezz tal-ekwivalenza, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-post minn fejn toriġina t-telefonata jkun disponibbli għall-aktar PSAP xieraq biex is-servizzi ta' emerġenza jkunu jistgħu jintervjenu b'mod effettiv.

Sabiex jikkonformaw ma' dan l-obbligu, l-Istati Membri implimentaw firxa wiesgħa ta' soluzzjonijiet ta' aċċessibbiltà ddedikati għall-utenti finali b'diżabbiltà, inkluż test f'ħin reali, konverżazzjoni totali[29], SMS, applikazzjonijiet ta' emerġenza, servizzi tal-web, servizzi ta' trażmissjoni, aċċess minn apparati speċjali, posta elettronika jew fax.

It-teknoloġija li tintuża l-aktar hija l-SMS, li tiżgura interazzjoni bidirezzjonali bbażata fuq it-test bejn il-persuna li qed tavża lis-servizzi ta' emerġenza u l-PSAP. L-SMS huwa disponibbli għall-utenti finali b'diżabbiltà fi 22 Stat Membru[30] u fin-Norveġja.

Applikazzjonijiet ta' emerġenza huma skjerati f'19-il Stat Membru[31]. Skont id-disinn, dawn jistgħu jibbażaw fuq il-bidu ta' telefonati ta' emerġenza jew komunikazzjonijiet bl-SMS, iżda jistgħu jservu wkoll bħala pjattaforma biex jipprovdu test f'ħin reali u komunikazzjonijiet ta' konverżazzjoni totali. Barra minn hekk, l-applikazzjonijiet jistgħu jipprovdu lokalizzazzjoni preċiża derivata mill-handset ibbażata fuq *data* ta' pożizzjonament tal-GNSS/WiFi (5–100m).

Is-servizzi ta' trażmissjoni għall-utenti finali b'diżabbiltà jistgħu jittrażmettu wkoll komunikazzjoni għall-aċċess tas-servizzi ta' emerġenza. Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-post tal-utent ma huwiex disponibbli għal dan il-mezz ta' aċċess fl-Istati Membri.

Filwaqt li l-fax u l-posta elettronika jibqgħu disponibbli bħala mezz ta' aċċess għas-servizzi ta' emerġenza f'xi Stati Membri, ftit li xejn jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti. Dawn ma jiżgurawx il-komunikazzjoni rapida bidirezzjonali li hija meħtieġa f'każ ta' emerġenza, b'kuntrast mal-effettività ta' telefonata lil "112". Barra minn hekk, posta elettronika ma tippermettix il-forniment awtomatiku tal-post tal-utent lill-PSAP.

[28]L-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 2022/612 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni

[29]Kif definit fl-Artikolu 2 tal-KEKE: (35) "servizz tal-konverżazzjoni totali" tfisser servizz ta' konverżazzjoni multimedjali fil-ħin reali li jipprovdi trasferiment simmetriku bidirezzjonali fil-ħin reali ta' vidjos, ta' test u tal-vuċi fil-ħin reali bejn utenti f'żewġ postijiet jew aktar.

[30]AT, BE, CY, CZ, DK, EE, EL, FI, FR, HR, HU, IE, LT, LU, LV, MT, NL, PT, RO, SE, SI, SK.

[31]AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FR, HU, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, SK.

L-Artikolu 109(5) tal-KEKE jirrikjedi li miżuri għall-utenti finali b'diżabbiltà jkunu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni li jarmonizza r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi[32], ifittxu li tiġi żgurata l-interoperabbiltà madwar l-Istati Membri, u, fejn fattibbli, jevitaw l-preregistrazzjoni għall-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza b'mezzi alternattivi ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza. Barra minn hekk, l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà (EEA) jirrikjedi li, minbarra l-vuċi, il-komunikazzjonijiet ta' emerġenza jkunu disponibbli b'test f'ħin reali jew, fejn ikun disponibbli l-vidjo, sinkronizzati bħala konverżazzjoni totali[33]. Filwaqt li d-dispożizzjonijiet rilevanti diġà għandhom ikunu fis-seħħ[34], is-sistemi tal-PSAP nazzjonali se jkollhom jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti[35] sat-28 ta' Ġunju 2025 jew b'deroga sat-28 ta' Ġunju 2027.

Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 109(7) tal-KEKE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti finali jkunu infurmati b'mod adegwat dwar l-eżistenza u l-użu tan-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112", kif ukoll dwar il-karatteristiċi ta' aċċessibbiltà tiegħu, inkluż permezz ta' inizjattivi mmirati speċifikament lejn persuni li jkunu qed jivvjaġġaw bejn l-Istati Membri u utenti finali b'diżabbiltà.

L-Artikolu 109(5) tal-KEKE jirrikjedi li jiġi żgurat l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza, fejn ikun fattibbli mingħajr preregistrazzjoni. F'każ ta' applikazzjonijiet ta' emerġenza nazzjonali li jservu lill-utenti finali b'diżabbiltà, dan ikun ifisser li l-applikazzjoni domestika tkun tista' tintuża fl-Istat Membru tal-UE li qed issirlu żjara biex jiġu aċċessati servizzi ta' emerġenza[36].

Ir-Regolament dwar ir-Roaming[37] se jiżgura li l-fornituri tar-roaming jinfurmaw lill-klijenti tar-roaming dwar mezzi alternattivi ta' aċċess għal servizzi ta' emerġenza permezz ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza obbligatorji fl-Istat Membru li tkun saritlu żjara. Fil-prattika, l-utenti finali se jirċievu messaġġ awtomatiku b'link għall-aċċess, mingħajr ħlas, għal paġna web apposta aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà, li tipprovdi din l-informazzjoni.

Is-sistemi antiki tal-PSAP għadhom ma humiex kapaċi jittrattaw u jipproċessaw komunikazzjonijiet ta' emerġenza li huma verament aċċessibbli għall-utenti finali b'diżabbiltà. L-implimentazzjoni ta' test f'ħin reali u konverżazzjoni totali tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku teħtieġ l-aġġornament tas-sistema tal-PSAP għal network għalkollox bl-IP ta' PSAPs interkonnessi li jistgħu jgħaddu u jipproċessaw b'mod adegwat il-komunikazzjonijiet ta' emerġenza bbażati fuq l-IP.

Skont ir-Regolament Delegat adottat sal-21 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi rekwiżiti ta' ekwivalenza funzjonali għall-komunikazzjonijiet ta' emerġenza li għandhom jintużaw mill-utenti finali b'diżabbiltà għall-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza.

[32]L-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà (EAA), id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).
[33]L-Artikolu 4(1) u l-Anness I, it-Taqsima IV, il-punt (a) tal-EAA.
[34]L-Istati Membri kienu rikjesti jittrasponu l-EAA sat-28 ta' Ġunju 2022.
[35]L-Artikolu 4(8) u l-Anness I, it-Taqsima V tal-EAA.
[36]https://www.etsi.org/deliver/etsi_ts/103400_103499/103478/01.01.01_60/ts_103478v010101p.pdf
[37]L-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 2022/612 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni

Ħarsa ġenerali lejn il-mezzi alternattivi ta' aċċess għall-utenti finali b'diżabbiltà li bħalissa huma skjerati fl-UE hija preżentata fl-Anness.

10. KONKLUŻJONIJIET

Għal aktar minn 30 sena[38], iċ-ċittadini tal-Unjoni ddependew fuq l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza bl-użu tan-numru Ewropew ta' emerġenza uniku "112". Dawn għandhom ikomplu jkunu jistgħu jagħmlu dan fid-dinja diġitali. Iċ-ċittadini għandhom jibbenefikaw minn forniment komprensiv u f'waqtu ta' informazzjoni kuntestwali meħtieġa biex tiġi indirizzata sitwazzjoni ta' emerġenza. Il-livell għoli ta' konnettività li huwa mmirat mit-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa, kif huwa rifless fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-[… għandu jiġi aġġornat] li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tad-Deċennju Diġitali 2030, qed iġib migrazzjoni teknoloġika għat-teknoloġiji għalkollox bl-IP tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika użati miċ-ċittadini, b'mod partikolari għall-persuni b'diżabbiltà. Il-migrazzjoni minn teknoloġiji circuit-switched għal teknoloġiji packet-switched fin-networks ta' komunikazzjoni elettronika tiskatta l-implimentazzjoni ta' servizzi tal-vuċi permezz ta' teknoloġiji fissi u mobbli tal-VoIP ibbażati fuq Subsistema Multimedjali tal-IP ġestiti b'mod fiss u mobbli bħall-Vuċi fuq Evoluzzjoni fit-Tul (VoLTE), il-Vuċi fuq Radju Ġdid (VoNR fil-5G) u l-Vuċi fuq Wi-Fi (VoWiFi). It-teknoloġiji packet-switched jippermettu wkoll servizzi tat-test u tal-vidjo bħal test f'ħin reali u servizzi ta' konverżazzjoni totali. Dawk is-servizzi ta' komunikazzjoni bbażati fuq l-IP ma jistgħux jiġu appoġġati min-networks circuit-switched antiki, bħan-networks 2G u 3G li jinsabu fil-proċess li jiġu dekummissjonati. Għalhekk, hemm il-ħtieġa li l-komunikazzjonijiet ta' emerġenza jibdew jiġu fornuti b'teknoloġiji packet-switched ukoll. Dan ir-rapport juri li l-immaniġġar tal-komunikazzjonijiet ta' emerġenza, id-disponibbiltà ta' informazzjoni preċiża dwar il-post minn fejn toriġina t-telefonata, id-disponibbiltà ta' mezzi ekwivalenti ta' aċċess għall-utenti finali b'diżabbiltà u l-aċċess għall-utenti finali tar-roaming għandhom rwol importanti fl-effettività u fil-ħeffa tal-azzjoni ta' assistenza li tiġi implimentata mis-servizzi ta' emerġenza. Il-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali jista' jiġi realizzat bis-sħiħ biss jekk kemm is-servizzi ta' komunikazzjoni ta' emerġenza kif ukoll is-sistemi nazzjonali tal-PSAP ikunu kapaċi jisfruttaw l-iżviluppi teknoloġiċi.

Il-bidla lejn komunikazzjonijiet għalkollox bl-IP se tippermetti wkoll li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-użu tal-applikazzjonijiet, li jippermetti lill-utenti finali jużaw diversi mezzi ta' komunikazzjoni bil-vuċi, bit-test u bil-vidjo u jipprovdu lill-PSAPs b'informazzjoni kuntestwali rilevanti. Filwaqt li diġà jeżistu xi applikazzjonijiet nazzjonali jew reġjonali ta' dan it-tip, dawn ma humiex interoperabbli mal-PSAPs tal-pajjiż/reġjun li saritilhom żjara fil-kundizzjonijiet tar-roaming. Fil-futur, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni – kif proposta skont ir-Regolament Delegat adottat sal-21 ta' Diċembru 2022 – tista' tippermetti l-interoperabbiltà tal-applikazzjonijiet ta' emerġenza li jwasslu għad-disponibbiltà tagħhom madwar l-UE kollha simili għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE li ġie skjerat billi ġie stabbilit portal tal-UE għall-interkonnessjoni tas-sistemi nazzjonali[39].

Sejbiet ewlenin:

[38] 91/396/KEE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-introduzzjoni ta' numru uniku Ewropew ta' telefonati ta' emerġenza, ĠU L 217, 6.8.1991.

[39] https://joinup.ec.europa.eu/collection/open-source-observatory-osor/news/eu-gateway-eu-digital-covid-certificate

- Is-sehem tat-telefonati ta' emerġenza lin-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112" kien jirrappreżenta 56 % tat-telefonati ta' emerġenza kollha: minn total ta' 270 miljun telefonata li saru fl-UE, 153 miljun kienu telefonati lil "112". Huwa stmat li saru 2,3 miljun telefonata ta' emerġenza mill-utenti finali tar-roaming, li minnhom 1,5 miljun kienu telefonati lil "112".

- L-implimentazzjoni tal-lokalizzazzjoni tal-post minn fejn toriġina t-telefonata derivata mill-handset kompliet titjieb fl-UE. Minn Settembru 2022, 22 Stat Membru, l-Iżlanda u n-Norveġja jiżguraw li s-sistema tal-PSAP tagħhom taħdem bl-AML. Madankollu, sitt Stati Membri biss ikkonfermaw li l-lokalizzazzjoni derivata mill-handset hija disponibbli għall-utenti finali tar-roaming. Minħabba l-limiti tal-ġuriżdizzjoni u n-nuqqas ta' kapaċità ta' monitoraġġ, l-Istati Membri li saritilhom żjara ma jistgħux jiżguraw li t-trażmissjoni tal-lokalizzazzjoni tal-post minn fejn toriġina t-telefonata tkun mingħajr ħlas għall-utent finali. Ir-Regolament dwar ir-Roaming[40] rieżaminat għandu l-għan li jiżgura li l-utenti finali tar-roaming kollha jibbenefikaw minn lokalizzazzjoni preċiża tal-post minn fejn toriġina t-telefonata, mingħajr ħlas.

- L-utenti finali b'diżabbiltà ma jibbenefikawx minn mezzi kompletament ekwivalenti ta' aċċess għas-servizzi ta' emerġenza, speċjalment meta jkunu roaming. Meta dawn l-utenti finali ma jkunux jistgħu jagħmlu telefonata lil "112", huma jridu jibbażaw fuq soluzzjonijiet frammentati fuq livell nazzjonali. Din is-sitwazzjoni hija f'kuntrast mad-disponibbiltà tan-numru uniku Ewropew ta' emerġenza armonizzat "112" għal utenti finali oħrajn u tirrappreżenta nuqqas sinifikanti fl-aċċessibbiltà tas-servizzi ta' emerġenza. Ir-Regolament dwar ir-Roaming rieżaminat jiżgura li l-utenti finali kollha tar-roaming, inklużi l-utenti finali b'diżabbiltà, jiġu informati dwar il-mezzi alternattivi ta' aċċess għas-servizzi ta' emerġenza fl-Istat Membru li jkunu żaru.

Azzjonijiet u stadji importanti futuri:

- L-Istati Membri għandhom jittrasponu u jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-KEKE u b'mod partikolari l-Artikolu 109 dwar il-komunikazzjonijiet ta' emerġenza u n-numru uniku Ewropew ta' emerġenza. L-utenti finali kollha, inklużi l-utenti finali b'diżabbiltà, irrispettivament minn fejn ikunu fl-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu jistgħu jitolbu u jirċievu għajnuna b'mod effettiv mis-servizzi ta' emerġenza.

- Sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għas-servizzi ta' emerġenza permezz ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza għan-numru uniku Ewropew ta' emerġenza "112", il-Kummissjoni proponiet Regolament Delegat sal-21 ta' Diċembru 2022 skont il-mandat mogħti fl-Artikolu 109(8) tal-KEKE. Ir-Regolament Delegat għandu l-għan li jtejjeb l-effettività tal-komunikazzjonijiet ta' emerġenza billi jimponi l-miżuri li ġejjin:

    - Jistabbilixxi parametri li jeħtieġ li jitqiesu mill-awtoritajiet regolatorji kompetenti meta jistabbilixxu l-kriterji għall-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-post minn fejn toriġina t-telefonata;

[40]L-Artikolu 3(6) tar-Regolament (UE) Nru 2022/612 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni

- Jistabbilixxi rekwiżiti ta' ekwivalenza funzjonali għall-komunikazzjonijiet ta' emerġenza li għandhom jintużaw mill-utenti finali b'diżabbiltà għall-aċċess għal servizzi ta' emerġenza;

- Jistabbilixxi r-rekwiżiti fir-rigward ta' rotot effettivi;

- Sabiex jiġi żgurat li l-aċċess mingħajr xkiel madwar l-UE jkun teknikament fattibbli, ir-Regolament jistieden lill-Istati Membri biex jikkooperaw mal-Kummissjoni u jidentifikaw rekwiżiti komuni tal-interoperabbiltà, li jippermettu r-rotot tal-komunikazzjonijiet ta' emerġenza bbażati fuq l-applikazzjonijiet mobbli lejn l-aktar PSAP xieraq waqt ir-roaming;

- Sabiex jiġi żgurat l-aċċess għas-servizzi ta' emerġenza permezz ta' komunikazzjonijiet ta' emerġenza għall-aktar PSAP xieraq fil-kuntest tal-migrazzjoni teknoloġika għan-networks għalkollox bl-IP, ir-Regolament jirrikjedi li l-Istati Membri jfasslu u jibagħtu lill-Kummissjoni pjan direzzjonali għat-titjib tas-sistema nazzjonali tal-PSAP biex ikunu jistgħu jirċievu, iwieġbu u jipproċessaw komunikazzjonijiet ta' emerġenza permezz ta' teknoloġija packet-switched;

- Dan jirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw u jipprovdu informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni dwar l-obbligi stabbiliti fir-Regolament.

ANNESS – MEZZI ALTERNATTIVI TA' AĊĊESS GĦAS-SERVIZZI TA' EMERĠENZA FL-ISTATI MEMBRI TAL-UE U FIL-PAJJIŻI TAŻ-ŻEE

	Funzjonalità disponibbli
	Funzjonalità mhux disponibbli

	Mezz ta' aċċess	Interattiva	Lokalizzazzjoni tal-utent	L-ebda reġistrazzjoni	Liberu	Aċċess għar-roaming	Roaming mingħajr ħlas	Numru ta' aċċess
AT	SMS lil numru twil							173
	Fax lil numru twil							
	email							
	Applikazzjoni							241
BE	SMS lil numru qasir							N/A
	Applikazzjoni (112.be)							N/A
	Fax lil 112 jew 101							N/A
BG	Applikazzjoni (112 Bulgarija)							11
	Servizz ibbażat fuq il-web							
CY	SMS lil 112							697
	RTT (fuq l-applikazzjoni 112 Ċipru)							15
CZ	SMS lil 112							255
	Applikazzjoni (zachranka)							N/A
	Aċċess ta' emerġenza bbażat fuq il-web							N/A
	Servizz ġenerali ta' trażmissjoni ta' aċċessibbiltà							N/A
	Servizz speċjalizzat ta' trażmissjoni ta' emerġenza							N/A
	Apparati speċjalizzati minn postijiet fissi							0
	Apparati mobbli speċjalizzati							0
	Posta elettronika							N/A
	Fax lil numru twil							N/A
	Oħrajn							N/A
DE	Fax lil 112							N/A
	Applikazzjoni							4 597*
	Servizz ta' trażmissjoni ġenerali							N/A
	Servizz ta' trażmissjoni speċjalizzat							650

	Mezz ta' aċċess	Interattiva	Lokalizzazzjoni tal-utent	L-ebda reġistrazzjoni	Liberu	Aċċess għar-roaming	Roaming mingħajr ħlas	Numru ta' aċċess
DK	SMS lil numru twil							N/A
	Servizz ġenerali ta' trażmissjoni ta' aċċessibbiltà							N/A
	Applikazzjoni ta' emerġenza							N/A
EE	SMS lil 112							891
EL	SMS lil 112							N/A
	Posta elettronika							N/A
	Fax lil numru qasir							Mhux applikabbli
ES	SMS reġjonali lil numri twal							451
	Servizz speċjalizzat ta' trażmissjoni ta' emerġenza (telefonata bil-vidjo)							200
	Servizzi ta' trażmissjoni ta' emerġenza speċjalizzati reġjonali (telefonata mingħajr ħlas + SMS/chat)							350
	Servizz ta' trażmissjoni ta' emerġenza speċjalizzat reġjonali (telefonata lil 112 + SMS/chat)							2 000
	Apparati speċjalizzati reġjonali minn post fiss							N/A
	Applikazzjoni							200
FI	SMS lil 112							4 520
FR	SMS lil 114							13 000
	Fax lil 114							N/A
	Posta elettronika							N/A
	Applikazzjoni							N/A
	Aċċess ta' emerġenza bbażat fuq il-web							N/A
	RTT bħala servizz tan-network (www.info.urgence114.fr)							N/A
	RTT bħala servizz ta' applikazzjoni (www.info.urgence114.fr)							N/A
	Servizz speċjalizzat ta' trażmissjoni ta' emerġenza							N/A
	Apparati speċjalizzati minn postijiet fissi (114)							N/A
HR	SMS lil 112							14
	Fax lil 112							0

	Mezz ta' aċċess	Interattiva	Lokalizzazzjoni tal-utent	L-ebda reġistrazzjoni	Liberu	Aċċess għar-roaming	Roaming mingħajr ħlas	Numru ta' aċċess
HU	SMS lil 112							20 523
	Applikazzjoni (112-SOS)							
IE	SMS lil 112							1 279
	Servizz speċjalizzat ta' trażmissjoni ta' emerġenza							0
	Servizz ġenerali ta' trażmissjoni ta' aċċessibbiltà							0
IT	Applikazzjoni (Flag Mii)							N/A
	Applikazzjoni (Where ARE U)							N/A
	Servizz speċjalizzat ta' trażmissjoni ta' emerġenza							350
LT	SMS lil 112							36 630
	Applikazzjoni (applikazzjoni tal-112)							157
LU	SMS lil 112 u 113							N/A
	Applikazzjonijiet (GouvAlert, Echo 112)							N/A
	Apparati fissi speċjalizzati							N/A
	email							N/A
	Fax lil 112							N/A
LV	SMS lil 112							5 965
	Applikazzjoni ta' emerġenza							N/A
MT	SMS lil numru twil							6
	Applikazzjoni tal-112.mt							228
	Servizz web tal-112.mt							
	RTT fuq in-network (numru twil)							
	RTT fuq l-applikazzjoni							
	Rapport permezz tal-112.mt							
NL	RTT fuq l-applikazzjoni (112NL)							N/A
	Aċċess ta' emerġenza bbażat fuq il-web							N/A
	SMS lil 112							N/A
	Servizz speċjalizzat ta' trażmissjoni ta' emerġenza							N/A
	Servizz ġenerali ta' trażmissjoni ta' aċċessibbiltà							N/A
PL	Applikazzjoni (Allarm 112)							1 475
PT	SMS lil numru twil							N/A
	Applikazzjoni ta' emerġenza							38

	Mezz ta’ aċċess	Interattiva	Lokalizzazzjoni tal-utent	L-ebda reġistrazzjoni	Liberu	Aċċess għar-roaming	Roaming mingħajr ħlas	Numru ta’ aċċess
RO	SMS lil 113							51
SE	SMS lil 112							112
	apparati fissi speċjalizzati							0
	Servizz ta’ trażmissjoni ġenerali							792
SI	SMS lil 112							36 739
	Aċċess ta’ emerġenza bbażat fuq il-web							N/A
SK	SMS lil 112							N/A
	Applikazzjoni (155.sk)							31
NO	SMS 112							N/A

*mit-28.09.2021